# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgha, 15 ta' Dicembru, 2021

**Kawża Nru.**

**Rik. Nru. 30/2021 ISB**

**L-Avukat Dottor Frank B. Testa (K.I. 0424180M) bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Francis sive Frank Spiteri (K.I. 0255006L)**

**vs**

**(1) Ir-Registratur tal-Kumpanniji**
**(2) L-Avukat tal-Istat ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti,**

Rat **<u>ir-rikors</u>** ta' **L-Avukat Dottor Frank B. Testa (K.I. 0424180M) bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Francis sive Frank Spiteri (K.I. 0255006L)**, pprezentat fit-30 ta' Marzu 2021, li permezz tieghu huwa jsostni hekk:-

1. *Illi permezz ta' sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Jannar 2011 fl-ismijiet Dr Michael Psaila nomine vs. Joseph Pace et li ġġib numru ta' referenza 1236/2007 (kopja hawn annessa u mmarkata* ***"Dok FS1"****), erba' mill-konvenuti f'dik il-kawża, u ċioe, l-mejjet Joseph Pace u, Louis Pace, Anthony Pace u Vivian Portelli, ġew ordnati sabiex, in forza tal-konvenju datat 6 ta' Mejju 2006 preċedentement iffirmat bejn il-partijiet, jaddivjenu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-bejgħ tal-propjeta' esternament immarkata 64, Triq il-Batterija, Valletta (minn issa 'l quddiem "il-Fond"), lill-attur Francis sive Frank Spiteri. Minn din is-sentenza ma ġie ntavolat l-ebda appell u għalhekk, hija res judicata;*

2. *Illi wara l-għoti tas-sentenza hawn fuq ċitata, irriżulta li, qabel l-intavolar ta' din il-kawża, l-mejjet Joseph Pace (K.I 384735M), permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Mark Zammit fis-6 ta' Settembru 2007 (kopja tal-kuntratt hawn anness u mmarkat* ***Dok FS2****), ttrasferixxa s-sehem indiviż tiegħu mill-Fond, lill-kumpannija Tikka Limited (C-23748), bl-uffiċju reġistrat tagħha ġewwa 326, St Paul's Street, Valletta, ta' liema hu kien direttur u azzjonist uniku, u dan meta kien ben konxju mill-kawża pendenti stante li pparteċipa b'mod sħiħ fiha. Minħabba dan it-trasferiment li sar in mala fede, is-sentenza tal-31 ta' Jannar 2011 ma setgħetx tiġi enforzata;*

3. *Illi, permezz ta' rikors numru 1455/2019 MG fl-ismijiet Michael Psaila noe vs. Louis Pace et, ir-rikorrenti talab il-ħruġ ta' Mandat in Proċinctu (kopja hawn annessa u mmarkata* ***Dok FS3****), u dan sabiex tal-anqas jakkwista l-ishma indiviżi tal-konvenuti l-oħra, u ċioe ta' Louis Pace, Anthony Pace u Vivian Portelli. Pendenti d-deċiżjoni dwar il-ħruġ ta' dan il-Mandat, l-intimati f'dawk il-proċeduri qablu li jitrasferixxu s-sehem indiviż tagħhom lir-rikorrenti u filfatt ġie ppubblikat il-kuntratt tal-bejgħ datat 14 ta' Lulju 2020 għall-istess ishma (kopja hawn annessa u mmarkata* ***Dok FS4****). Għalhekk, ma kienx baqa' skop għall-ħruġ tal-Mandat in Proċinctu;*

4. *Illi l-aħħar pass sabiex is-sentenza tal-31 ta' Jannar 2011 titwettaq kompletament huwa li r-rikorrenti jintavola kawża għall-kanċellament tat-trasferiment tas-sehem indiviż tal-mejjet Joseph Pace, lill-kumpannija tiegħu Tikka Limited u, jakkwista dan is-sehem in forza tal-imsemmija sentenza. Azzjoni ta' din it-tip trid tinġieb mhux biss kontra l-eredi jew kuraturi tal-mejjet Joseph Pace, iżda wkoll kontra l-kumpannija Tikka*

*Limited. Madanakollu, jidher li l-kumpannija Tikka Limited tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-kumpanniji bħala defunct fis-27 ta' Ġunju 2020 (ara l-estratt minn fuq il-Malta Business Registry hawn anness u mmarkat* ***Dok FS5****) u għalhekk, l-ebda azzjoni ma tista' tinġieb kontriha billi din ma għadx għandha personalita' ġuridika;*

5. *Illi r-rikorrenti ħass ruħu aggravat bil-fatt li l-kumpannija tħassret minn fuq ir-Reġistru u dan stante l-fatt li dan it-tħassir qiegħed jimpedieħ milli jintavola proċeduri biex jakkwista s-sehem indiviż tal-mejjet Joseph Pace ai termini tas-sentenza tal-31 ta' Jannar 2011;*

***Għaldaqstant,*** *ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, jogħġobha,*

*(i) Tordna lir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex ai termini tal-Artikolu 325(4) ta' Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta u għar-raġunijiet premessi, jerġa' jqiegħed isem il-kumpannija Tikka Limited fuq ir-reġistru u jieħu l-miżuri kollha li jistgħu jkunu neċessarji sabiex din l-ordni tkun tista' tingħata effett, u dan b'effett immedjat;*

*(ii) Tagħti dawk id-direzzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa sabiex il-kumpannija Tikka Limited terġa' titqiegħed fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma tħassarx u dan inkluż li l-assi kollha tal-kumpannija, partikolarment is-sehem fil-proprejta' numru 64, Triq il-Batterija, Valletta, jirrivertu lura għandha;*

Rat **id-dokumenti** li kienu prezentati mar-rikors (fol 6 sa fol 50).

Rat **id-digriet** taghha tal-14 ta' Mejju 2021 fejn ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tal-10 ta' Gunju 2021 fid-10.00am, u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Registratur tal-Kumpanniji u l-Avukat tal-Istat b'ghoxrin jum zmien ghar-risposta.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fit-13 ta' April 2021 (ara tergo ta` fol 73).

Rat illi l-Avukat tal-Istat kien notifikat fit-18 ta' Mejju 2021 (ara tergo ta` fol 75).

Rat illi fid-29 ta' April 2021, ir-Registratur tal-Kumpanniji intimat ppresenta **ir-risposta** tieghu (fol 51) bid-dokumenti hemmek annessi, li permezz taghha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija Tikka Limited (C 23748) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fit-2 ta' Diċembru tas-sena 1998;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini ta' l-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk illi l-kumpanija qatt ma rreġistrat tali dokumenti mar-Reġistratur;*

*Illi tali nuqqas kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponent Reġistratur jissoponi illi il-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċeda sabiex kiteb lill-kumpanija u lill-uffiċjal tagħha sabiex javża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi r-Reġistratur bagħat l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija (annessi u mmarkati bħala Dok. "A", l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) fuq l-indirizz reġistrat tagħha 326, St. Paul's Street, Valletta u l-istess lid-direttur tagħha fl-indirizz, 37/1, Tigne Seafront, Sliema datati t-18 ta' Frar 2020;*

*Illi t-tieni avviż gie mibgħut permezz ta' ittra oħra lill-kumpanija fuq l-istess indirizz fis-27 ta' Marzu 2020;*

*Illi f'dawn l-ittri il-kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar Il-Kumpanniji, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar, u it-tieni ittra fi zmien tliet xhur, ir-Reġistratur kien se jkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija.*

*Illi fis-27 ta' Marzu 2020, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal- Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi fil-frattemp ir- Reġistratur qatt ma rċieva l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fit-30 ta' Ġunju 2020, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent ħareġ avviż fuq website miżmuma minnu fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi r-Reġistratur huwa kreditur ta' din il-kumpanija huwa stess u għaldaqstant huwa għandu jiġi mħallas il-pagamenti pendenti fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' prospetti annwali, li jammontaw għal EUR 5,597.65 u penali fuq nuqqas ta' reġistrar ta' dawn il-prospetti u kif ukoll tal-kontijiet annwali, li jammontaw għal EUR 20,908.50; b'hekk l-ammont totali hu dak ta' EUR 26,506.15;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur jixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi tat-terzi persuni, ir-Reġistratur qiegħed umilment jissolleva illi qiegħed iħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tiegħu sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rettifikata.*

*Illi għaldaqstant huwa lest li joqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkustanzi partikulari ta' dan il-każ.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat ir-**Risposta tal-Avukat tal-Istat** pprezentata fl-24 ta' Mejju 2021, illi permezz taghha huwa sostna:

*Illi preliminarjament, l-esponenti ma huwiex il-legittimu kuntradittur ai termini ta' l-Artiklu 181(B)(2) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta, stante illi huwa l-intimat l-iehor, ir-Registratur tal-Kumpanniji li jista' jirrispondi ghat-talbiet tar-rikorrenti.*

*Illi sub-ordinament u minghajr pregudizzju ghall-premess, trid tingieb il-prova illi s-socjeta` Tikka Limited giet imhassra minn fuq ir-Registru tas-Socjetajiet skond il-ptrocedura mahsuba fl-Artiklu 325(1)-(3) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta biex jigi zgurat il-validita` ta' din il-procedura u t-talbiet kontenuti fiha;*

*Illi subordinament u fil-mertu, jekk il-fatti kif enuncjati fir-Rikors promotur jirrizultaw minnhom, l-esponenti hua tal-fehma li r-rikorrenti ghandu l-interess guridiku mehtieg bhala persuna ohra aggravata skond l-Artiklu 324(4) u jirrimetti ruhu ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.*

*Illi madanakollu, f'kull kaz, l-esponenti m'ghandux jehel l-ispejjes ta' din il-procedura.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta' Gunju 2021, deheret l-Avukat Erika Taliana ghar-rikorrent noe u dehret l-Avukat Claudette Fenech ghar-Registratur tal-Kumpanniji u l-Avukat James D'Agostino ghall-Avvukat tal-Istat.

Rat l-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2021, minn fejn jirrizulta illi d-difensuri tal-partijiet kienu qeghdin jaqqblu illi stante illi r-rikorrent noe huwa kreditur tas-socjeta` Tikka Limited, huwa m'ghandux jinzamm

responsabbli ghall-hlasijiet ta' penali u multi tal-istess socjeta` kemm sall-llum u kif ukoll, fl-eventwalita' li l-kumpannija tigi ri-integrata fir-Registru, ghall-quddiem.

Rat illi kien hemm anke qbil bejn il-partijiet li l-ispejjes li jinkorri r-Rgistratur fl-eventwalita` illi jigi ordnat jirrientegra l-kumpannija msemmija, dawn ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrent noe.

Rat id-dikjarazzjoni tar-rikorrrent noe fis-sens illi f'kaz ta' ezitu posittiv ghalih ta' dawn il-proceduri, huwa kien ser jiehu proceduri legali quddiem il-Qorti kompetenti u allura kien jinhtieg zmien ragjonevoli.

Rat id-dikjarazzjoni tad-difensuri tal-partijiet li ma kellhom provi xi jressqu u li bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawza thalliet ghall-llum ghall-provvediment.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrent nomine f'isem Francis sive Frank Spiteri, ai termini tal-**Artikolu 325(4) tal-Kapitolu 386** tal-Ligijiet ta' Malta, u li permezz taghha, ir-rikorrent noe. jghid illi fis-27 ta' Gunju 2020, ir-Registratur intimat kien hassar minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji l-isem tal-kumpannija **Tikka Limited** (C 23748).

Illi jirrizulta li permezz ta' sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Dr. Michael Psaila nomine vs Joseph Pace et deciza fil-31 ta' Jannar 2011 – Dok FS1 - erbgha mill-konvenuti f'dik il-kawza, ossia l-mejjet Joseph Pace, Louis Pace, Anthony Pace u Vivian Portelli, kienu gew ordnati sabiex jidhru fuq kuntratt ta' bejgh tal-proprjeta 64, Triq il-Batterija, Valletta, liema bejgh kien se jsir favur r-rikorrent noe.

Jirrizulta li fil-frattemp, l-mejjet Joseph Pace, permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dottor Mark Zammit datat 6 ta' Settembru 2007 – Dok FS2 - kien ttrasferixxa s-sehem indiviz tieghu ta' dan l-fond lill-kumpannija tieghu stess Tikka Limited (C 23748). Dan sar ghalkemm huwa kien konxju mill-kawza li kien hemm pendenti. Illi bhala konsegwenza, dak li gie ordnat mill-Prim Awla fil-kawza surriferita ma setax isehh.

Illi permezz ta' rikors fl-ismijiet Michael Psaila noe vs Louis Pace et. – Dok FS3 - ir-rikorrenti noe. kien talab il-hrug ta' mandat in procintu sabiex jakkwista l-ishma indivizi tal-konvenuti l-ohra. Qabel ma kien hemm d-decizjoni dwar l-hrug ta' dan l-mandat, Louis Pace, Anthony Pace u Vivian

Portelli qabblu li jittrasferixxu s-sehem taghhom lir-rikorrenti noe Francis sive Frank Spiteri. Dan fil-fatt sehh permezz ta' kuntratt fl-Atti ta' Nutar Dottor Rosalyn Aquilina datat 14 ta' Lulju 2020 – Dok FS4.

Illi ghalhekk sabiex tigi ezegwita s-sentenza li kienet inghatat fil-31 ta' Jannar 2011, r-rikorrent noe jixtieq jintavola kawza ghal kancellament tat-trasferiment tas-sehem indiviz tal-mejjet Joseph Pace lill-kumpannija Tikka Limited (C 23748).

Illi ghalhekk r-rikorrenti noe pprezenta dan r-rikors, sabiex isem l-kumpannija Tikka Limited (C 23748) jerga jitpogga fuq ir-Registru tal-Kumpanniji sabiex ikun jista' jiehu dawn l-proceduri msemmija.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-intimat Registratur jghid illi l-kumpannija Tikka Limited (C23748) kienet ilha snin mhux konformi mal-obbligi taghha, tant li hi ghandha thallas l-pagamenti pendenti fuq nuqqas ta' registrazzjoni ta' prospetti annwali li jammontaw ghal hames t'elef hames mija sebgha u disghin euro u hamsa u sittin centezmi (€5,597.65) u penali fuq nuqqas ta' registrar ta' dawn l-prospetti u kif ukoll tal-kontijiet annwali, li tammonta ghal ghoxrin elf disa mija u tmien Euro u hamsin centezmi (€20,908.50). Ghalhekk l-ammont totali dovut huwa ta' sitta u ghoxrin elf hames mija u sitt Euro u hmistax il-centezimu (€ 26,506.15).

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-intimat Avukat tal-Istat sostna fost ohrajn illi huwa mhux il-legittimu kontradittur ai termini tl-Artiklu 181B(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, stante illi huwa l-intimat l-iehor ir-Registratur tal-Kumpanniji li ghandu jirrispondi. Il-Qorti ser tieqaf ma' din l-ewwel parti tar-risposta tal-Avukat tal-Istat peress illi klawsiasi parti ohra tar-risposta jkun superfluwu li tigi trattata jekk tintlaqa' din l-eccezzjoni dwar jekk hux il-legittimu kontradittur o meno.

**Art 181B(2) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta**

*L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux*

*jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.*

Dwar din l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat, il-Qorti ssib illi din ghandha mis-sewwa. Il-ligi procedurali taghna, li hija ta' ordni pubbliku, tghid car illi f'kaz illi l-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni, Huwa biss fejn minhabba n-natura tat-talba maghmula, azzjonijiet legali ma jkunux jistghu jigu diretti lejn tali kap tad-Dipartiment illi jidhol l-involviment tal-Avukat tal-Istat sabiex jirrappresenta hu lill-Gvern.

F'din il-kwistjoni, l-azzjoni kellha tkun diretta lejn ir-Registratur tal-Kumpanniji li huwa mwaqqaf bil-ligi u li r-rwol tieghu huwa ukoll illi jiddefendi l-posizzjoni tieghu fi proceduri legali bhal ma huma dawn. Ir-rikorrent noe jidher illi kien jafu dan ghaliex giustament harrek lir-Registratur, u l-Avukat tal-Istat dahhlu biss ghal kull interess li jista' jkollu – interess illi ma giex ippruvat illi ghandhu.

Ghalhekk il-Qorti sejra takkolji din l-ewwel eccezzjoni mressqa mill-Avukat tal-Istat u filwaqt illi tiddikjara illi huwa mhux legittimu kontradittur, tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Dwar il-mertu:

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**

*Jekk <u>membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess</u> li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u <u>l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa</u> biex il-kumpanija u l-persuni l-*

*oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiziti li hemm bzonn biex kumpannija kummercjali li tnehhiet minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji terga` ssib postha fuqu ai termini ta' dan s-sub artikolu citat.

Ma hemmx dubbju illi ghadhom ma ghaddewx il-hames snin minn meta il-kumpannija Tikka Limited (C23748) giet ikancellata minn fuq ir-Registru, in kwantu dan gara fis-27 ta' Gunju 2020.

Mill-atti jidher car li sabiex r-rikorrenti noe jissalvagwardja l-posizzjoni tieghu kif minnhu spjegata fir-rikors promotur, ghandu l-interess kollhu necessarju ai termini tas-sub artikolu citat illi s-socjeta` kummercjali **Tikka Limited (C23748)** terga' titqieghed fuq ir-Registru, u dan sabiex ir-rikorrenti noe jkun jista' jiehu azzjoni fir-rigward ta' Tikka Limited (C 23748) appuntu sabiex jissalvagwarja id-drittijiet tieghu kif hawn fuq spjegat.

**GHALDASTANT**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 u tal-KAP 12 hawn fuq ccitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, jidhrilha illi jkun giust u ekwu illi:

1. Fl-ewwel lok, **tiddikjara** illi l-Avukat tal-Istat ma hux il-legittimu kontradittur u tghaddi biex tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat u biex tillibera lill-istess intimat Avukat tal-Istat mill-ossevanza tal-gudizzju;

2. Fit-tieni lok, **tordna** lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 356 tal-Ligijiet ta' Malta, fi zmien hmistax il-jum, jerga' jdahhal l-isem ta' **Tikka Limited (C23748)** fuq ir-Registru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-ezistenza taghha daqs li kieku isimha ma kienx thassar minn fuq ir-Registru.

3. Fit-tielet lok **tordna** lir-Registratur tas-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-ligi relattiva ghal tali inserzjoni mill-gdid tal-kumpannija msemmija fir-Registru tal-Kumpanniji.

4. Fir-raba' lok, **tordna**, illi l-isem ta' **Tikka Limited (C23748)** jitpogga lura fuq tali Registru tal-Kumpanniji ghall-perjodu ta' hames (5) snin bil-ghan illi r-rikorrent noe. jkun beda' u bit-tama li jkun ottjena s-salvagwardji tad-drittijiet tieghu kif hawn fuq espress.

5. Fil-hames lok, <u>**tordna**</u> illi l-ispejjes ta' din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi jista' jinkorri ir-Registratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija **Tikka Limited (C23748)** fuq ir-Registru tal-kumpanniji jkunu a karigu tar-rikorrenti noe.

Bl-ispejjes ta' din il-procedura li jkunu a karigu tar-rikorrent noe.

| | |
|---|---|
| **Onor. Ian Spiteri Bailey** | **Marisa Bugeja** |
| **Imhallef** | **Deputat Registratur** |